**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-akkwist pubbliku bħala għodda biex jinħolqu l-valur u d-dinjità fix-xogħol fis-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet"**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2020/C 429/05)

Relatur: **Diego DUTTO**

Korelatur: **Nicola KONSTANTINOU**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 20.2.2020 |
| Bażi legali | Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura |
| | Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) |
| Adottata fis-CCMI | 2.9.2020 |
| Adottata fil-plenarja | 18.9.2020 |
| Sessjoni plenarja Nru | 554 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 192/7/18 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kummissjoni Ewropea (KE), il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jridu jiżviluppaw l-istrumenti ta' appoġġ meħtieġa biex jippromovu l-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku biex itejbu l-użu sistematiku ta' kriterji strateġiċi li huma sostenibbli, trasparenti, ambizzjużi u eżegwibbli biex jiġu żgurati standards soċjali u ta' kwalità ogħla fl-akkwist pubbliku.

1.2 Sabiex jiġi żgurat li l-enfasi tas-servizzi tat-tindif issir fuq il-kwalità u mhux fuq il-prezz, il-prinċipju tat-trasparenza jrid jiġi rispettat kemm fil-każ tal-klijent kif ukoll f'dak tal-kuntrattur. L-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt għandhom jiġu definiti u dettaljati, inklużi l-frekwenza, il-ħin, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-ispejjeż finanzjarji tat-tindif [1]. Il-valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji matul il-ħajja kollha tal-kuntratt hija essenzjali għall-evalwazzjoni tal-kwalità tas-servizzi ta' tindif ipprovduti.

1.3 L-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti fit-taħriġ u l-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja pubbliċi kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-KE tat-3 ta' Ottubru 2017 [2].

1.4 Il-KE u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inizjattiva għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u għat-titjib ulterjuri tal-kundizzjonijiet tal-impjieg fl-industrija tat-tindif. Regolamentazzjoni msaħħa u mekkaniżmi ta' infurzar aktar b'saħħithom bħall-kriterji tal-pagi u n-negozjar kollettiv settorjali jistgħu jikkontribwixxu għal kompetizzjoni ġusta, standards soċjali ogħla u impjiegi ta' kwalità.

1.5 Il-KESE jistieden lill-KE, lill-PE, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex kull fejn huwa possibbli jużaw it-tindif ta' binhar fl-akkwist pubbliku kollu.

1.6 L-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta jista' jinkiseb permezz ta' fokus fuq aspetti ta' kwalità u billi tiġi rispettata l-ġurisprudenza tal-QĠUE u r-regoli nazzjonali fir-rigward tal-possibbiltà li r-rispett għall-ftehimiet kollettivi jsir kundizzjoni għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi. L-Istati Membri, flimkien mal-imsieħba soċjali u skont il-prattiki nazzjonali, għandhom jippromovu l-kopertura ta' ftehimiet kollettivi fl-industrija nazzjonali tat-tindif fil-livell settorjali u jivverifikaw li dawn il-ftehimiet jiġu rrispettati fil-prattika.

(1) http://www.europeancleaningjournal.com/magazine/articles/latest-news/managing-quality-in-german-contract-cleaning
(2) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32017H1805&from=MT Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1805 (ĠU L 259, 7.10.2017, p. 28).

1.7 Il-forza tax-xogħol fil-biċċa l-kbira tikkostitwixxi nisa u ċittadini mhux tal-UE. Għalhekk, dawn jistgħu jiġu affettwati b'mod aktar dirett mill-politiki tax-xiri tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Għalhekk, il-KESE jemmen li minbarra l-ftehimiet kollettivi, għandhom jiġu żviluppati salvagwardji addizzjonali biex jiġu rispettati l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-ħaddiema. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu introdotti punti addizzjonali fil-kriterji tal-għoti li jippremjaw forom ta' integrazzjoni bħal korsijiet ta' taħriġ imfasslin apposta, servizzi ta' appoġġ għall-familja bħall-assistenza wara l-ħin tal-iskola għal minuri, u forom oħra ta' benesseri korporattiv b'kontenut soċjali.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda li, meta jiġu riveduti d-Direttivi tal-UE tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku, l-ispejjeż relatati mas-sigurtà u t-taħriġ obbligatorji jintwerew barra mit-taqsima tal-prezzijiet kompetittivi, bħala element inkompressibbli u verifikabbli tat-tqassim tal-ispejjeż li jikkostitwixxu l-offerta.

1.9 Il-KESE jirrakkomanda li l-kundizzjonijiet ta' sostenibbiltà, id-drittijiet tax-xogħol u l-ftehimiet ta' negozjar kollettivi applikabbli b'mod ġenerali jiġu rispettati (billi l-awtorità kontraenti, il-kuntrattur prinċipali u s-sottokuntratturi jinżammu responsabbli, kull wieħed għall-imsieħeb kuntrattwali immedjat tiegħu) tul il-katina kollha tas-sottokuntrattar u tul l-eżekuzzjoni sħiħa tal-kuntratti.

1.10 Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex, jekk mhux diġà qed jagħmlu hekk, jagħtu attenzjoni speċjali u jivverifikaw b'mod effettiv ir-rispett tal-obbligi statutorji u kuntrattwali kollha u l-aspetti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali li jikkonċernaw l-aspetti soċjali, ambjentali u ta' sostenibbiltà fil-fażi tal-eżekuzzjoni tal-offerti pubbliċi fl-industrija tat-tindif.

1.11 Fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri, l-awtoritajiet kontraenti u l-KE stabbiliti mill-Artikoli 83-85 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-KESE jitlob lil dawn il-korpi pubbliċi biex jagħmlu d-data korrispondenti disponibbli mingħajr aktar dewmien, u b'hekk jiġi żgurat b'mod partikolari li jiġu pprovduti l-kriterji tal-għoti u l-ippeżar relattiv tagħhom għall-kuntratti tat-tindif. Il-KE hija mitluba tappoġġja finanzjarjament il-proġetti ta' segwitu u r-riċerka tal-imsieħba soċjali settorjali dwar il-kwistjoni tal-akkwist pubbliku fis-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet.

1.12 Il-KE għandha ssaħħaħ l-arkitettura leġislattiva u l-kapaċità tan-negozjar tal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali, inkluż billi talloka finanzjament għal azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità speċjalment fil-pajjiżi tax-Xlokk, taċ-Ċentru u tal-Lvant tal-Ewropa ([4]).

1.13 Il-KESE jirrakkomanda li, fir-reviżjoni tad-Direttivi Ewropej tal-2014 dwar l-akkwist, għas-servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħas-servizzi tat-tindif, id-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandhom **jitolbu** jew **jesiġu** li l-Istati Membri jeskludu l-użu tal-kriterju tal-aktar prezz baxx għall-għoti tal-offerti, jistabbilixxu limitu massimu ta' 30 % fuq il-punteġġ li għandu jingħata lill-prezz meta mqabbel mal-punteġġ li għandu jingħata lill-kwalità u biex jiżguraw, permezz ta' klawżoli soċjali speċifiċi, l-istabbiltà tal-impjieg tal-persunal impjegat taħt l-offerta, għalkemm bi qbil mad-Direttiva "TUPE" (2001/23/KE ([5])) kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-UE, mal-arranġamenti ta' xogħol tal-kumpanija u f'konformità man-negozjar kollettiv.

1.14 Il-KESE jistieden lill-awtoritajiet kontraenti jużaw l-istimi tal-kostijiet tagħhom stess għas-servizzi tat-tindif, billi jikkonsultaw għodod settorjali speċjalizzati bħall-Gwida tal-Aħjar Valur u eżempji nazzjonali sabiex jivvalutaw b'mod adegwat is-suq tas-settur, kif ukoll iwarrbu parti minn dawn is-servizzi għal kuntratti riżervati kif stipulat fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/24/UE, kif trasposta mill-Istati Membri fil-kodiċijiet tagħhom stess dwar l-akkwist pubbliku.

1.15 Il-KE għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jibdew proċess ta' akkreditazzjoni jew sistema ta' kwalifiki għall-kuntratturi li jixtiequ jiġu kkunsidrati għal kuntratti pubbliċi ta' tindif. Dan il-proċess għandu jiġi ssorveljat minn kumitat ta' evalwazzjoni magħmul minn għadd ta' partijiet interessati differenti, inklużi t-trade unions u rappreżentant tal-kuntratturi tas-settur.

1.16 Peress li r-riskju tal-COVID-19 għadu jeżisti, ir-riskju ta' kontaġju mill-COVID-19, jew minn kwalunkwe marda oħra bħal din, jitlob li l-ħaddiema u l-pubbliku jiġu protetti. Il-KESE jirrakkomanda li l-KE u l-Istati Membri jfasslu protokolli vinkolanti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol, bl-għajnuna tal-imsieħba soċjali.

1.17 Il-KESE jistieden wkoll lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni u jimpenjaw ruħhom mal-imsieħba soċjali biex jiddiskutu soluzzjonijiet temporanji prattiċi għal ritorn rapidu għal prattiki tal-akkwist ġusti u orjentati lejn il-kwalità.

---

([3]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

([4]) https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/report/2019/representativeness-of-the-european-social-partner-organisations-industrial-cleaning-sector#tab-01

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16).

1.18 Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni lit-taħriġ u l-professjonalizzazzjoni tal-persunal tat-tindif. Ir-riżorsi finanzjarji għandhom isiru disponibbli sabiex l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpaniji kontraenti jkunu jistgħu jinvestu fit-taħriġ u l-ħiliet. Il-ħaddiema impjegati fis-servizzi tat-tindif u sanitarji għandhom jitħeġġu jiksbu kwalifiki professjonali, u b'hekk iwittu t-triq għal opportunitajiet ta' xogħol imtejba għal individwi vulnerabbli.

1.19 Il-KESE jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jadottaw approċċ komprensiv għax-xiri tas-servizzi tat-tindif. Approċċ bħal dan ma jipprevedix għażla ta' kompromess bejn il-kundizzjonijiet ambjentali u tax-xogħol, iżda jippromovi l-koeżjoni soċjali, l-istandards tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għanijiet ambjentali proposti mill-Patt Ekoloġiku tal-KE.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1 L-għan ewlieni ta' din l-Opinjoni huwa li tipproponi rakkomandazzjonijiet għall-użu tal-akkwist pubbliku biex jissaħħu l-impjieg ta' kwalità tajba u d-dinjità fuq ix-xogħol fis-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet.

2.2 Ħafna minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u jistgħu jiġu applikati fis-setturi kollha tal-ekonomija. Dan huwa l-każ b'mod partikolari għas-setturi ta' servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħas-sigurtà privata u l-forniment tal-ikel.

## 3. **Kuntest**

3.1 "Kull sena, aktar minn 250 000 awtorità pubblika fl-UE jonfqu madwar 14 % tal-PDG (madwar EUR 2 triljun fis-sena) fuq ix-xiri ta' servizzi, xogħlijiet u provvisti." ([6]) Is-servizzi bħalma huma dawk tat-tindif jagħmlu l-parti prinċipali tal-akkwist pubbliku. Fl-2017, il-valur tal-kuntratti li ngħataw għas-servizzi laħaq EUR 250 biljun ([7]).

3.2 L-akkwist pubbliku jista' jappoġġja l-investiment fl-ekonomija reali, jiżgura u joħloq impjiegi ta' kwalità tajba u jippromovi l-inklużjoni u l-kundizzjonijiet aħjar għall-persuni b'diżabilità u żvantaġġati kif ukoll għall-ħaddiema migranti ([8]). Jista' wkoll jinkoraġġixxi d-domanda għal prodotti innovattivi, isegwi objettivi tal-politika industrijali u jippromovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija ([9]).

3.3 B'referenza għad-Direttiva tal-UE Nru 2014/24/UE dwar l-Akkwist, l-użu tal-kriterju "L-Aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża" (EMAT) għandu jinkorpora l-kriterji strateġiċi kollha indirizzati fil-punt 3.2 hawn fuq. Minħabba li r-regoli għadhom vagi, il-maġġoranza tal-kuntratti pubbliċi għadhom jingħataw lill-offerent bl-irħas prezz, xi kultant anke għal offerta anormalment baxxa (ALT) ([10]).

3.4 Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku mhumiex qed jintużaw bil-potenzjal sħiħ tagħhom u fost l-Istati Membri hemm diverġenza fl-applikazzjoni. Minħabba f'hekk, awtorità pubblika trid tiddeċiedi dwar il-prijoritajiet tagħha ([11]).

3.5 Din hija l-ewwel kwistjoni politika u mbagħad waħda teknika. Id-deċiżjoni dwar liema servizzi għandhom jinxtraw u liema kriterji tal-għoti għandhom jintużaw ma' liema ppeżar relattiv hija parti mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi. Dawn id-deċiżjonijiet jistabbilixxu l-qafas u l-parametri fundamentali għall-proċedura tal-għoti. Jekk wieħed ma jikkunsidrax id-drittijiet ambjentali u soċjali tal-ħaddiema, jinħolqu kundizzjonijiet mhux ugwali.

## 4. **Il-kriżi tal-COVID-19, l-industrija tas-servizzi tat-tindif u l-akkwist pubbliku**

4.1 Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-valur fundamentali tax-xogħol ta' dawk li jnaddfu bħala ben pubbliku komuni. Il-kumpaniji kontraenti jridu jissodisfaw rekwiżiti ta' kwalifiki, effiċjenza u speċjalizzazzjoni. Fl-istqarrija konġunta tagħhom tat-22 ta' April 2020, l-imsieħba soċjali tal-UE, l-EFCI u l-UNI Europa, jenfasizzaw ir-rwol kruċjali tal-industrija tat-tindif u tal-ħaddiema tagħha fil-prevenzjoni tat-tixrid tal-virus ([12]).

---

([6]) https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement_mt
([7]) https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/631048/IPOL_STU(2018)631048_EN.pdf, p. 14
([8]) https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers/social-procurement_mt
([9]) Il-KE tipprovdi serje ta' għodod ta' appoġġ għax-xerrejja pubbliċi, mhux biss dik dwar l-akkwist soċjali, u għandhom jitqiesu dawn l-aspetti kollha: https://ec.europa.eu/info/policies/public-procurement/support-tools-public-buyers_en
([10]) Dan huwa indirizzat fid-Direttiva tal-UE tal-2014 dwar l-Akkwist Pubbliku, fl-Artikolu 69.
([11]) Jeremy Prassl, *The Future of EU Labour Law*.
([12]) Dikjarazzjoni konġunta dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq Is-settur tat-Tindif Industrijali u s-Servizzi tal-Faċilitajiet u l-miżuri meħtieġa biex jipproteġuh, https://www.uni-europa.org/2020/04/22/joint-statement-on-the-covid-19-impact-to-the-industrial-cleaning-and-facility-services-sector-and-the-necessary-measures-to-protect-it/

4.2 Fl-2018, kien hemm 4,11 miljun persuna li jaħdmu fit-tindif fl-UE u li joperaw f'283 506 kumpanija. Kien hemm żieda kostanti fil-fatturat sa minn nofs is-snin 2010. Fl-istess ħin, il-fatturat għal kull kumpanija laħaq EUR 393 000 fl-2017. Skont l-EFCI, "il-fatturat medju għal kull impjegat laħaq kważi EUR 30 000". Il-fatturat għal kull ħaddiem jammonta għal EUR 27 400, u l-ħaddiema jaqilgħu paga medja annwali li tammonta għal EUR 12 200. L-industrija Ewropea tat-tindif għandha parti kbira mill-forza tax-xogħol tagħha taħdem fuq bażi part-time. Barra minn hekk, f'settur bħal dan li jirrikjedi ħafna ħaddiema il-marġni tal-kumpaniji ma jaqbiżx it-3 %. Il-kumpaniji kontraenti ġarrbu nefqa addizzjonali minħabba l-pandemija tal-COVID-19, minħabba l-ħtieġa li jipproteġu kemm l-interessi tal-klijenti tagħhom kif ukoll il-ħaddiema tagħhom stess. Il-proporzjon tal-ħaddiema part-time, nisa u ħaddiema migranti huwa partikolarment għoli. Il-perċentwal tal-impjegati nisa huwa dejjem aktar minn 50 % (ħlief fid-Danimarka), b'livelli massimi li jaqbżu 80 % fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fil-Portugall u fir-Renju Unit ([13]). Madwar l-UE, 30 % ta' dawk li jnaddfu huma barranin (60 % fil-Belġju).

4.3 L-ostakli għad-dħul fis-suq tas-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet huma ftit u kważi ineżistenti. Is-servizzi tat-tindif jirrikjedu ħafna ħaddiema, bi kważi 80 % tad-dħul tal-kumpaniji jammonta għall-kostijiet lavorattivi u marġni stretti ħafna għall-kuntratturi tat-tindif. Għaldaqstant, id-deċiżjoni ta' xiri tal-klijenti, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati, wasslet għal pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet, u pperikolat id-dinjità tax-xogħol tat-tindif.

4.4 Matul u wara l-kriżi tal-COVID-19, is-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet jistgħu jkomplu jiżguraw il-valur u standards għoljin ta' impjieg ta' kwalità sakemm il-ħaddiema tat-tindif ikunu kkwalifikati biżżejjed u jkollhom it-tagħmir tekniku tajjeb u jekk ikun hemm definizzjoni ċara tad-drittijiet u l-obbligi tal-impjegaturi u tal-impjegati. Dan jista' jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu prezz ogħla għas-servizzi tat-tindif. Tabilħaqq, minħabba s-sospensjoni tal-attivitajiet matul il-kriżi tal-COVID-19, bosta fornituri tas-servizzi lin-negozji ffaċċjaw problemi severi ta' fluss tal-flus u anke żieda kostanti fl-ispejjeż sabiex jimplimentaw il-miżuri tas-saħħa u s-sikurezza meħtieġa sabiex jipproteġu lill-ħaddiema u lill-klijenti. Dawn il-problemi finanzjarji huma aggravati minn prattiki kuntrattwali ħżiena kemm minn xerrejja pubbliċi kif ukoll minn dawk privati. Sabiex il-kumpaniji jiġu appoġġjati biex ikomplu jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza tal-aġenti tat-tindif tagħhom kif ukoll biex iżommu u jtejbu l-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom, il-KESE jappella lix-xerrejja pubbliċi u privati biex jerġgħu lura malajr għal akkwist pubbliku effiċjenti, għal prattiki kuntrattwali ġusti u għal kunsiderazzjoni aħjar tal-kriterji ta' kwalità. ([14]) Ħafna drabi, il-ħaddiema tat-tindif jaħdmu f'ċirkostanzi perikolużi li jistgħu jipperikolaw is-saħħa tagħhom stess ([15]). Għalkemm xi ħaddiema jippreferu jaħdmu part-time, xi ħaddiema jixtiequ jaħdmu sigħat itwal jew full-time. Xi kultant, madankollu, jista' jkun diffiċli għall-impjegaturi biex joffru kuntratti full-time. Barra minn hekk, minkejja l-impenn tal-imsieħba soċjali favur tindif binhar, is-servizzi tat-tindif spiss jiġu pprovduti minn ħaddiema li jaħdmu waħedhom matul il-lejl. Dan huwa spiss dovut għar-rekwiżiti tal-klijent. Tali prattiki ta' impjieg jikkontribwixxu biex il-ħidma tal-ħaddiema tat-tindif tibqa' ma tidhirx ([16]), ta' valur baxx u mhix rikonoxxuta ([17]). Sfortunatament, f'ċerti Stati Membri għadhom jeżistu kuntratti ta' żero sigħat. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà sakemm ikomplu jamministraw il-kuntratt, jimmonitorjawh u jivvalutaw il-kwalità. L-għan għandu jkun li jiżdiedu l-opportunitajiet għall-ħaddiema biex jaħdmu matul il-jum, f'xift wieħed u jkunu impjegati b'kuntratti full-time sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja.

4.5 L-użu tal-irħas prezz bħala l-uniku kriterju tal-għoti għall-kuntratti pubbliċi huwa ta' ħsara għall-forniment tas-servizzi ta' kwalità u jikkontribwixxi għad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, għall-varjazzjoni fil-kwalità u biex il-kwalità tingħata l-ġenb ([18]). Billi t-tindif huwa kompitu eteroġenu u ma jistax jiġi kkwantifikat faċilment, il-kwalità diffiċli tiġi vvalutata kemm waqt kif ukoll wara l-proċess. Din hija r-raġuni għaliex huwa importanti li l-kwalità tkun ibbażata fuq l-eżitu matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu aktar milli fuq il-proċess.

4.6 L-espressjoni "l-irħas prezz" sparixxiet mit-test tad-Direttiva 2014/24/UE, iżda l-għoti bbażat fuq "prezz biss" jitħalla jsir (l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 67(2)). Dan ifisser li xi awtoritajiet kontraenti jkomplu jagħtu kuntratti lill-irħas offerta, u xi drabi anki għal offerti anormalment baxxi. Il-pajjiżi li jixtiequ jużaw il-kriterju EMAT għas-servizzi li jirrikjedu ħafna ħaddiema se jkollhom bżonn imorru pass lil hinn billi jiddeskrivu l-amministrazzjonijiet lejn l-użu effettiv ta' dan il-kriterju billi jiddefinixxu limitu massimu fuq il-piż tal-prezz u billi jużaw formuli li ma jeżasperawx id-differenzi fil-prezz bejn

(13) Eurofund (2019) Representativeness Study for the Industrial Cleaning Sector (Studju dwar ir-Rappreżentattività għas-Settur tat-Tindif Industrijali), p. 19: https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef19012en.pdf

(14) http://servicealliance.eu/wp-content/uploads/2020/05/EBSA-Statement_Contracting-recommendations-during-COVID_13-5-2020.pdf

(15) Bergfeld, Mark (2020) *The Insanity of Making Sick People work*, Jacobin Magazine: https://jacobinmag.com/2020/03/coronavirus-workers-rights-health-care-cleaners-gig-economy

(16) Bergfeld, Mark & Ylitalo, Jaana – *Putting Europe's invisible precariat in the spotlight*, Social Europe, 18 ta' April 2019, https://www.socialeurope.eu/europes-invisible-precariat

(17) *When Creativity Meets Value Creation. A Case Study on Daytime Cleaning*: Volume VIII: Ergonomics and Human Factors in Manufacturing, Agriculture, Building and Construction, Sustaina.

(18) *Evidence from Public Administration Review*, Vol. 79, Iss. 2, pp. 193–202.

l-offerti. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ taħriġ speċifiku għall-professjonalizzazzjoni tal-uffiċjali tal-akkwist. Barra minn hekk, ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttivi għandha tintroduċi regoli obbligatorji (a) għall-identifikazzjoni ta' offerti li possibbilment huma anormalment baxxi billi jiġi stabbilit li differenza ta' 20 %, meta mqabbel mal-eqreb offerta l-aktar baxxa, għandha tiskatta l-obbligu biex issir verifika, (b) għall-verifika bir-reqqa dwar jekk l-offerent għandux raġunijiet oġġettivi u plawżibbli għall-offerta rħisa tiegħu u (c) għall-esklużjoni ta' tali offerti jekk l-offerent ma pprovdiex tali raġunijiet.

4.7 Għalhekk, il-kriżi hija opportunità għall-kumpaniji tat-tindif u għall-ħaddiema tagħhom biex isaħħu l-valur u l-importanza fundamentali tax-xogħol tat-tindif fil-konfront tal-pubbliku u l-klijenti diretti tagħhom. Il-Gwida tal-Aħjar Valur [19], żviluppata mill-imsieħba soċjali tal-industrija tat-tindif tal-UE fl-2017, tista' tiggwida lill-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jagħtu kuntratti għas-servizzi tat-tindif biex jagħżlu kuntratti li joffru l-aħjar valur. Għodod simili ġew żviluppati minn xi msieħba soċjali nazzjonali.

4.8 Id-diġitalizzazzjoni qed toħloq opportunitajiet u sfidi għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet f'dan is-settur, u l-imsieħba soċjali tal-UE jemmnu li t-teknoloġiji jistgħu jintużaw biex isaħħu r-rikonoxximent tas-siwi tax-xogħol tat-tindif, ir-rilevanza tat-tindif inġenerali, u biex joħolqu valur miżjud għax-xerrejja tas-servizzi tat-tindif [20]. Il-proġett SK-Clean tal-EFCI se jimmappja l-ħtiġijiet ta' ħiliet li qed jinbidlu fis-settur u jsir għodda fit-triq lejn aktar professjonalizzazzjoni tal-ħaddiema tat-tindif [21].

4.9 Il-kuntest il-ġdid li ħolqot l-emerġenza tal-COVID-19 jitlob li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw it-tixrid ta' informazzjoni dwar kif jintuża t-tagħmir protettiv personali kif ukoll il-forniment ta' tagħmir protettiv personali adatt biex jipproteġi l-ħaddiema u l-individwi. In-negozji għandhom bżonn appoġġ finanzjarju biex ikopru ż-żieda fl-ispejjeż addizzjonali tal-miżuri organizzattivi, il-valutazzjonijiet tar-riskju, l-analiżi u d-distribuzzjoni ta' tagħmir protettiv personali lill-forza tax-xogħol [22]. Sadanittant, l-investimenti minn kumpaniji kontraenti huma fundamentali biex ikunu jistgħu joffru lill-klijenti tagħhom soluzzjonijiet ta' tindif li huma innovattivi u aktar effettivi minħabba li jkunu bbażati fuq riċerka kimika u bijoloġika.

## 5. **L-akkwist pubbliku u l-Patt Ekoloġiku**

5.1 Il-Patt Ekoloġiku jipproponi li l-akkwist pubbliku jkun jista' jintuża biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Madankollu, huwa meħtieġ approċċ komprensiv.

5.2 Is-settur tat-tindif jista' jikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u għal ekonomija ċirkolari b'tikketti ekoloġiċi għal prodotti tat-tindif ekoloġiċi, sapun, toilet paper, sarvetti tal-karta u separazzjoni tajba tal-iskart. Dan huwa wkoll l-għan tal-Ekotikketta tal-UE għas-servizzi tat-tindif [23] u l-prodotti tat-tindif [24], anke jekk l-effiċjenza tagħhom fil-prattika mhijiex evidenti. Jekk l-użu ta' prodotti u proċeduri ekoloġiċi ma jiġix aċċettat mill-klijent, dan jista jirriżulta f'żidiet fl-ispejjeż li joħolqu pressjoni akbar fuq l-elementi kollha tal-kost. Dan jista' jwassal ukoll għal deterjorament fil-kundizzjonijiet soċjali, ta' xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali. Barra minn hekk, dan kollu jista' jwassal ukoll għal aċċess aktar ristrett għall-opportunitajiet ta' akkwist għall-SMEs [25]. Huwa għalhekk li hemm bżonn ta' approċċ komprensiv għall-akkwist pubbliku.

5.3 Ir-riċerka tissuġġerixxi li l-kriterji ambjentali huma dgħajfin wisq biex effettivament jinċentivaw lill-fornituri biex iwettqu bidliet [26]. Il-kuntratturi ta' servizzi privati li huma impenjati favur l-ambjent ma jitħallewx jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom jekk l-awtoritajiet kontraenti ma jkunux lesti li jħallsu l-ispejjeż addizzjonali. Għaldaqstant, dan jirrikjedi aktar professjonalizzazzjoni tax-xerrejja.

(19) http://www.cleaningbestvalue.eu/
(20) Ara EFCI: https://www.efci.eu/wp-content/uploads/2019/02/Digital-transition-in-cleaning-industry-in-FR.pdf https://www.efci.eu/wp-content/uploads/2019/10/2019-10-29_Joint-statement-on-digitalisation-EFCI-UNI-Europa-29.10.2019.pdf & https://www.efci.eu/wp-content/uploads/2019/10/2019-10-29_Joint-statement-on-digitalisation-EFCI-UNI-Europa-29.10.2019.pdf
(21) Il-Proġett SK-Clean.
(22) Dikjarazzjoni tal-UNI-CoeSS: https://www.uni-europa.org/2020/05/08/private-secruity-joint-declaration-ensuring-business-continuity-and-protection-of-workers-in-the-covid-19-pandemic/
(23) https://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/Cleaning_Services_Factsheet_Final.pdf u http://www.ecolabelindex.com/ecolabel/cleaning-industry-management-standard-cims
(24) http://www.ecolabelindex.com/ecolabels/?st=category,cleaning
(25) Sofia Lundberg & Per-Olov Marklund (2016) *Influence of Green Public Procurement on Bids and Prices*, https://www.nhh.no/globalassets/departments/business-and-management-science/seminars/2016-spring/120516.pdf
(26) Sofia Lundberg & Per-Olov Marklund (2016) *Influence of Green Public Procurement on Bids and Prices*, https://www.nhh.no/globalassets/departments/business-and-management-science/seminars/2016-spring/120516.pdf

6. **Kunsiderazzjonijiet soċjali u ta' kwalità fl-akkwist pubbliku**

6.1 L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2014/24/UE, jiddikjara li "l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li t-twettiq tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew mil-liġi internazzjonali tal-ambjent, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Anness X."

6.2 Il-Gwida dwar ix-Xiri Soċjali tal-KE ta' Ottubru 2010, tistabbilixxi diversi kunsiderazzjonijiet soċjali għall-awtoritajiet kontraenti bħall-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-obbligi ta' paga minima, ir-rekwiżiti tas-sigurtà soċjali u b'mod aktar ġenerali standards deċenti tax-xogħol ([27]). Peress li dawn huma obbligi statutorji, għandhom jiġu rrispettati, kemm jekk ikunu msemmija fil-klawżoli ta' prestazzjoni fil-kuntratt kif ukoll jekk le.

6.3 Skont il-premessa 98 tad-Direttiva 24/14, il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratt jistgħu wkoll ikunu intiżi sabiex jiffaċilitaw l-implementazzjoni ta' miżuri li jippromovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u dik privata.

6.4 Sabiex jiġi evitat li l-kost lavorattiv jintuża bħala element prinċipali ta' kompetizzjoni fost l-offerenti, l-offerenti kollha (inklużi s-sottokuntratturi) iridu jirrispettaw l-istandards minimi stabbiliti lokalment bil-liġi jew bi ftehimiet kollettivi vinkolanti u li ġeneralment huma applikabbli fir-rigward tal-kost lavorattiv u l-klawżoli standard fil-kuntratti pubbliċi. Ftehimiet kollettivi settorjali vinkolanti u applikabbli b'mod ġenerali jistgħu jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.

6.5 Filwaqt li għodod bħall-Gwida tal-Aħjar Valur jistgħu jnaqqsu l-faqar fost min għandu xogħol u jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali fl-Istati Membri tal-UE, din ma ssaħħaħx l-imsieħba soċjali fil-livell settorjali u lanqas ma tikkontribwixxi għall-kapaċità tagħhom li jistabbilixxu sistemi ta' negozjar kollettiv settorjali vinkolanti. L-Istati Membri, li għandhom kompetenza f'dan il-qasam, se jkollhom jibdlu r-regoli dwar l-applikazzjoni ta' negozjar kollettiv fl-akkwist biex jagħmluhom aktar stretti.

6.6 L-istituzzjonijiet pubbliċi bħal kindergartens, skejjel, djar tal-kura u sptarijiet saru ditti li jikkompetu ma' istituzzjonijiet oħra għall-klijenti. F'din il-kompetizzjoni, l-"indafa" u l-kwalità fit-tindif huma għalhekk meqjusa bħala fattur ta' distinzjoni, u jikkontribwixxu direttament għas-sodisfazzjon tal-utenti u l-kompetittività.

6.7 In-nuqqas ta' użu ta' kunsiderazzjonijiet ta' kwalità u soċjali fl-akkwist pubbliku għandu wkoll implikazzjonijiet negattivi fuq id-dawran tal-impjegati, li jirrappreżenta sitwazzjoni ta' telf triplu għall-impjegaturi, għall-klijenti u għall-ħaddiema ([28]).

6.8 Il-promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol tiżgura kwalità superjuri u d-drittijiet tal-ħaddiema fl-akkwist pubbliku. L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni u r-rikonoxximent uffiċjali tal-kwalifiki jikkontribwixxu għar-rikonoxximent tas-settur. Ir-rikonoxximent tal-importanza tagħhom fil-proċess tal-offerti jtejjeb il-valorizzazzjoni tagħhom u jippermetti fehim aħjar tal-ispejjeż li jinvolvu għall-kumpaniji, li jeħtieġ li jkunu rikonoxxuti biżżejjed kemm fil-prezz kif ukoll fil-pagi. Ir-responsabbiltà għat-taħriġ tal-ħaddiema hija tal-kumpanija tat-tindif; l-aċċettazzjoni tal-irħas offerta tiġġenera r-riskju li l-kumpaniji ma jkunux jistgħu jaffordjaw li jinvestu fit-taħriġ u s-sikurezza (jew f'makkinarju, innovazzjoni u taħriġ relatati) minbarra l-livell minimu mitlub mil-liġi.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([27]) *Buying social* (nota 43 f'qiegħ il-paġna), p. 47.

([28]) Market Exposure and the Labour Process: The Contradictory Dynamics in Managing Subcontracted Services Work. REFERENZI.

*ANNESS*

L-emendi li ġejjin ġew miċħuda waqt id-diskussjonijiet iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti:

*Punt 1.10*

**Ħassar il-punt:**

*~~Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni speċjali u jivverifikaw b'mod effettiv l-obbligi statutorji u kuntrattwali kollha li jikkonċernaw l-aspetti soċjali, ambjentali u ta' sostenibbiltà fil-fażi tal-eżekuzzjoni tal-offerti pubbliċi fl-industrija tat-tindif.~~*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 61

Kontra: 105

Astensjonijiet: 9

*Punt 2.1*

**Ibdel it-test kif ġej:**

*L-għan ewlieni ta' din l-Opinjoni huwa li tipproponi rakkomandazzjonijiet għall-użu tal-akkwist pubbliku biex ~~jissaħħu~~jissaħħaħ l-impjieg ta' kwalità tajba ~~u d-dinjità fuq ix-xogħol~~ fis-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 61

Kontra: 107

Astensjonijiet: 9

*Punt 4.3*

**Ibdel it-test kif ġej:**

*L-ostakli għad-dħul fis-suq tas-servizzi tat-tindif u tal-faċilitajiet huma ftit u kważi ineżistenti. Is-servizzi tat-tindif jirrikjedu ħafna ħaddiema, bi kważi 80 % tad-dħul tal-kumpaniji jammonta għall-kostijiet lavorattivi u marġni stretti ħafna għall-kuntratturi tat-tindif. Għaldaqstant, id-deċiżjoni ta' xiri tal-klijenti, kemm dawk pubbliċi kif ukoll dawk privati~~, wasslet għal pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet, u pperikolat id-dinjità tax-xogħol tat-tindif~~.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 61

Kontra: 108

Astensjonijiet: 8